TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 40/14/GB

**Mary Glanville**

**vs**

**Crosscraft Co. Ltd.**

Illum 21 ta' Mejju 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-19 ta' Frar, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mitejn u ghoxrin Ewro (€220.00), rapprezentanti parti mill-prezz li hija hallset ghal magna tal-hasil li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema magna tal-hasil kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata ipprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat magna tal-hasil (VHD 924D-80;9Kg;1200rpm) ghas-somma ta sebgha mija wiehed u hamsin Ewro (€751.00) u b'garanzija ta' hames (5) snin. Is-salesman tas-socjeta' ntimata kien kiteb '5 years' fuq l-ircevuta u inizjalha.

Erbgha snin u nofs wara, fl-20 ta' Jannar 2014, il-magna ġratilha l-hsara u r-rikorrenti ċemplet lis-socjeta' ntimata biex tissewwa skond il-garanzija, fejn ir-rikorrenti ġiet informata li l-garanzija fuq il-'parts' kienet ghalqet u ghalhekk riedet thallas.

Ir-rikorrenti qed titlob illi l-magna tal-hasil tissewwa skond il-garanzija miftehma waqt il-ftehim tal-bejgh, ghaliex mhux sewwa li din tiġi mibdula wara li tkun ilha tuża l-magna hafna żmien.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-raguni li hija cahdet li ssewwi l-magna bla flus hija li l-hsara mhix koperta b'garanzija ghal żewġ raġunijiet:

a. Il-hsara li nqalghet ġejja minn 'wear and tear' normali u mhux difett tal-fabbrika.

b. Fid-dokument tal-garanzija hemm imniżżel illi din it-tip ta' hsara mhix koperta.

Qatt ma kien hemm ftehim illi s-socjeta' ntimata ssewwi din il-hsara erbgha snin u nofs wara li nxtara dan il-prodott.

M'huwiex minnu li s-socjeta' ntimata biddlet il-kundizzjonijiet tal-garanzija hafna snin wara, tant hu hekk illi s-socjeta' ntimata ghandha garanzija wahda ghall-prodotti kollha u bl-istess kundizzjonijiet ghal kulhadd.

Il-kundizzjonijiet tal-garanzija tas-socjeta' ntimata huma l-istess ghal kulhadd, iżda r-rikorrenti qieghda titlob differenti minn haddiehor.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha mil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.MG1; flimkien ma' żewġ ritratti, li gew immarkati bhala Dok.MG2.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi nonostante l-fatt illi l-problema hija wahda li mhix koperta bil-garanzija, hija xorta wahda qed taghmel offerta lir-rikorrenti ta' skont ta' 20% fuq xogholijiet riparatorji fuq il-magna tal-hasil in kwistjoni, jew skont ta' 10% fuq magna tal-hasil ġdida.

Is-socjeta' ntimata ezebiet formola standard taghha ta' garanzija, li giet immarkata bhala Dok.CC1; flimkien ma' rapport tekniku, li gie mmarkat bhala Dok.CC2.

It-Tribunal jinnota wkoll illi r-rikorrenti baqghet ma accettatx l-offerta tas-socjeta' ntimata.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u b'referenza specifika ghal Dok.CC1 u Dok.CC2 ezebiti in atti, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta' ntimata. It-Tribunal jinnota madanakollu, l-offerta maghmula mis-socjeta' ntimata, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal tali offerta, u cioe' l-offerta ta' skont ta' 20% fuq xogholijiet riparatorji fuq il-magna tal-hasil in kwistjoni, jew skont ta' 10% fuq magna tal-hasil ġdida, b'dana illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**